# Suċċess għal vjaġġ ieħor fi Sqallija

## BirdLife Malta tingħaqad mill-ġdid ma' Legambiente għal tmiem il-ġimgħa ta' mixjiet fin-natura fl-inħawi ta' Noto Antica

Il-Kumitat tal-Attivitajiet ta' BirdLife Malta dan l-aħħar organizza b'suċċess vjaġġ ieħor lejn Sqallija.

Iż-żjara ta' erbat ijiem imtliet mill-ewwel malli nfetħu l-*bookings* u diġà qed nippjanaw vjaġġ ieħor li se jsir f'Mejju. Il-*booking* għal din iż-żjara ta' ġurnata fetaħ aktar kmieni l-ġimgħa l-oħra.

Tul iż-żjara ta' erbat ijiem li saret bejn il-21 u l-24 ta' Marzu, BirdLife Malta – bl-assistenza ta' Legambiente (il-fergħa ta' Noto) – organizzat numru ta' mixjiet differenti fin-natura fi wħud mill-isbaħ widien u foresti f'din l-akbar gżira fil-Mediterran.

Ir-rotot li mxew il-parteċipanti koprew xejn inqas minn 30km ta' *treks* fi tliet riservi naturali differenti: Cava Carosello, Cavagrande del Cassibile u l-Valle dell'Anapo, li kollha jinsabu fit-territorju ta' Noto Antica.

Il-grupp żar ukoll il-Parco Archeologico della Neapolis u l-gżira ta' Ortigia f'Siracusa. Fost l-attrazzjonijiet li żaru l-membri ta' BirdLife Malta u l-familji tagħhom f'Siracusa kien hemm it-Teatru Grieg, l-Altar ta' Herion, l-Orecchio di Dionisio, u l-amfiteatru Ruman. Postijiet oħra ta' interess li żar il-grupp fuq il-gżira ta' Ortigia kienu jinkludu t-Tempju ta' Apollo, Pjazza Archimede, id-Duomo, il-Fonte Aretusa, il-knisja ta' Santa Lucia u l-Kastell Maniace.

Għal dettalji aġġornati dwar l-attivitajiet li torganizza BirdLife Malta żur is-sit elettroniku tagħna fl-indirizz: https://birdlifemalta.org/events. Membri ta' BirdLife Malta jingħataw prijorità f'dawn l-attivitajiet. Dawk li jixtiequ jsiru membri jistgħu jagħmlu dan billi jżuru: https://birdlifemalta.org/become-member.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratt mehmuż**

- Ritratt tal-grupp li żar Sqallija (Ritratt ta' BirdLife Malta)